**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Ivan Ruzic**

**Seduta Distrett**

**Illum 8 ta′ Mejju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ivan Ruzic** detentur tal-passport Serb bin-numru 011176508 billi huwa akkuzat talli nhar it-28 ta′ Frar 2018 u fil-jiem ta′ qabel, naqas milli jiddikjara espressament bil-miktub lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni dik ic-cirkostanza biex jitlob permess biex jinzel l-art u jibqa′ Malta jew jekk jitlob biex jinghata permess ghal residenza, wara li kien persuna li tnehha minn Malta taht decizjoni ta′ ritorn, jew decizjoni ta′ ritorn u ordni ta′ tnehhija jew taht ordni ta′ deportazzjoni mahruga.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-istess akkuzi hekk dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, li ghandu fedina penali netta u li ikkoopera u bi hsiebu jkompli jikkoopera mal-Pulizija.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 24 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, il- Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil- konfront tieghu tikkundannah ghall-perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija izda, peress illi fil-fehma Taghha fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussitu ragunijiet validi in bazi ghal liema tali terminu ta' prigunerija jigi sospiz ai termini tal- Ligi, fosthom il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal- proceduri, li ghandu fedina penali netta u li ikkoopera u bi hsiebu jkompli jikkopera mal-Pulizija, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi dan it-terminu ta' sitt (6) xhur prigunerija ghal perijodu ta' sena b'effett millum.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**